# Il-Moħqrija ta' L-Annimali



Kull darba li naqra jew niftakar kemm jeżistu tipi differenti ta' moħqrija fid-dinja jaqbadni swied ta' qalb. Kemm hu bla qalb dak il-bniedem li jasal biex jaħqar l-annimali. Bħall per eżempju, meta jkun hemm xi żiemel li wara li jweġġa jittieħed il-biċċerija biex jinqatel u jittiekel għax dan ma jkunx għadu tajjeb biex jiġri. Iżda mbagħad hawn nies li flok jaħqru lill-annimali iħobbuhom u jitrattawhom bħalna l-bnedmin. Qed ngħid għal dawk in-nies li għandom xi santwarju ta' l-annimali jew dawk li jitimgħu il-klieb u il-qtates ta' barra it-triq. L-ammont ta' flus u volontiera huma ftit ħafna ġo dawn is-santwarji, għalhekk ma nagħmlux ħażin kieku aħna ukoll ngħinuhom.

Tajjeb ukoll li minn meta t-tfal ikunu għadhom żgħar tixtrulhom xi annimal li jistgħu iżommu id-dar u iddarruhom jieħdu ħsiebu kuljum biex b'hekk it-tfal jidhraw u jikbru bir-responsabilità ta' kif għandhom jieħdu ħsieb l-annimali u mhux jitimgħuhom meta jkollhom aptit. Bil-mod il mod l-abbandun u is-swat qed jonqsu f'Malta. L-iktar għaliex teżisti liġi li dan ma jistax iseħħ. Bħal, per eżempju, il-ġlied tal-klieb.

Int stess tista' twaqqaf il-moħqrija milli isseħħ. Għalhekk meta taraw xi moħqrija tistgħu iċċemplu għall-għajnuna fuq in-numru: 112.

Abby and Bernice (14-il sena)